**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 172/19 CZ**

**Maria Helga Muscat-Groelz**
**vs.**
**Carlo Giunta**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fid-9 ta' Lulju 2019 li biha talbet li l-konvenut ihallas:

Is-somma ta' erbat'elef mitejn u wiehed u tletin Euro (€4,231.00), dovuta mill-intimat favur ir-rikorrenti ghal servizzi rezi mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-istess intimat,

danni, kif ukoll spejjez inkorsi, inkluzi spejjez legali, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali dekorribbli skond il-ligi, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimat, li huwa minn issa ingunt biex jidher in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-21 ta' Frar 2020, fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar mhuwiex kompetenti ratione materiae illi jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici.
2. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ikkunsidra:

Illi **l-attrici**[1] qalet illi lill-konvenut tafu fuq x-xoghol u anke fuq bazi personali. Qalet illi l-pretensjonijet taghha huma maqsumin fi tlieta, u cioe' l-ewwel ghall-hlas ta' konsulenza li kienet taghti lill-konvenut, fejn kienet tithallas bis-sighat ghal xoghol ta' konsulenza fil-marketing, it-tieni ghall-hlas ta' kirjiet, dawl u ilma f'appartament taghha li kienet kriet lill-konvenut, kif ukoll xi spejjez li kienet ghamlet ghan-nom tal-konvenut meta dahlet f'kuntratt ma' terzi biex jinkera appartament iehor (differenti minn dak appena msemmi) ghall-impjegati tal-konvenut. Il-konvenut kien lahaq ghamel xi hlasijiet, konsistenti f'elfejn, sitt mija u tmienja w sittin Euro u erbghin centezmu (€2,668.40), li l-attrici imputathom ghall-hlasijiet dovuti ghall-kiri tal-appartament taghha lill-konvenut. Ix-xhud prezentat ukoll xi kopji ta' SMS, e-mails,

[1] Fol. 34 et seq.

ittra legali mibghuta mill-konsulent legali taghha, u risposta ghall-istess ittra legali mibghuta mill-konvenut.

Illi l-attrici prezentat ukoll rendikont li jispjega l-pretensjonijiet taghha wahda wahda. Fih indikat li ghall-konsulenza hija dovuta s-somma ta' elf, hames mija u tlieta u disghin Euro u tletin centezmu (€1,593.30), ghall-kera tal-appartament tal-Qawra (li hallset lil terzi ghan-nom tal-konvenut) kien hemm dovuti elfejn, tliet mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€2,394.45), kif ukoll hames mitt Euro (€500) ohra ghal ammont appropjat mis-sidien tal-appartament in konnessjonima hsara f'sufan li kien hemm fil-post. Qalet ukoll li kienu dovuti elf, sitt mija u wiehed u disghin Euro u hamsa w sittin centezmu (€1,691.65) ghall-kera tal-appartament taghha li kriet lill-konvenut f'San Pawl il-Bahar; izda qalet ukoll illi thallset is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sittin Euro u erbghin centezmu (€2,668.40), biex b'hekk baqa' bilanc dovut ta' tlett'elef, hames mija u hdax-il Euro (€3,511). It-Tribunal f'dan il-punt jinnota illi l-bilanc dovut, kif dikjarat mill-attrici stess, huwa inqas mis-somma mitluba f'din il-kawza fit-talba originali, li kienet tammonta ghal erbat'elef mitejn u wiehed u tletin Euro (€4,231.00).

Illi t-Tribunal ra illi l-konvenut eccepixxa wkoll in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae tat-Tribunal. It-Tribunal jifhem illi din l-eccezzjoni kienet intenzjonata sabiex tindirizza kwalsiasi hlasijiet ghal kera li l-attrici talbet ghall-kirja tal-appartament taghha f'San Pawl il-Bahar. L-attrici izda permezz tar-rendikont appena msemmi iccarat illi f'dak li qed tippretendi f'din il-kawza, il-hlas tal-kera tal-appartament taghha mhuwiex inkluz, ghaliex dak lahaq thallas mill-konvenut. Din l-eccezzjoni ghalhekk ma tregix, u t-Tribunal huwa kompetenti li jiddeciedi fuq it-talbiet l-ohra tal-attrici, senjatament dawk ghall-hlas ta' konsulenza, kif ukoll hlas ghal spejjez sborzati minnha ghall-kirja ta' appartament minghand terzi, fl-interess tal-imputat, u hlas ta' hsara konnessa mal-istess appartament.

Ra wkoll il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2021.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' parzjalment it-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett'elef, hames mija u hdax-il Euro (€3,511), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur